# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 13 ta' Lulju 2021**

**Kawza Numru: 16**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 1056/20 JVC**

**Emanuel Bezzina** ID 77155(M) u **Rita Bezzina** 478861(M) (230 Naxxar Road San Gwann)

vs

**(1) Jaguar Constructions LTD C88313**
u

**(2) Jonathan Sant**
(El Shaddai Court, Flat 4, Triq Anglu Gatt, Mosta)

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Emanuel Bezzina li kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. ‘Illi l-esponenti huma proprjetarji tal-fond grage, numru 87, Triq San Martin Zebbug u dan permezz ta’ kuntratt ta’ akkwist datat l-1 ta’ Awwissu 1994 fl-atti tan-nutar Joseph Henry Saydon Dok. 1.

2. Illi l-intimati qed jokkupaw l-imsemmi fond u dan minghajr ma ghandhom ebda titolu validu fil-ligi.

3. Illi f’dawn ic-cirkustanzi l-esponenti qed jinvokaw il-provvedimenti tal-Artikolu 167(1)(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-kawza tinqata’ bid-dispensa tas-smiegh u dan ghaliex sa fejn jafu r-rikorrenti l-intimati m’ghandhom l-ebda eccezzjonijiet x’jaghtu fil-konfront tat-talbiet tal-istess rikorrenti ghall-izgumbrament taghhom mill-fond imsemmmi, li jidhru hawn iktar l’ isfel.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Taqta’ u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh u dan ai termini tal-Artikolu 167 (1)(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif intqal fuq.

2. Tordna l-izgumbrament tal-intimati mill-garage, 87, Triq San Martin Zebbug kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi u fin-nuqqas, ir-rikorrenti ikunu awtorizzati jeffettwaw l-istess zgumbrament a spejjez tal-intimati.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li jibqa’ ngunt ghas-subizzjoni.’.

Rat illi mill-verbal tal-lum jirrizulta li l-Qorti rat li l-intimati Jaguar Constructions Limited u Jonathan Sant gew debitament notifikati

permezz tal-affissjoni u publikazzjoni, rat ukoll li gew imsejha diversi drabi u ma dehrux w'ghalhekk gew dikjarati kontumaci.

Rat illi Dr Mark Mifsud Cutajar stante li din hija kawza bi procedura ta' giljottina, talab lil Qorti sabiex tghaddi ghas-sentenza. Rat li l-Qorti fil-verbal tal-lum stess laqghet l-ewwel talba attrici sabiex il-kawza tinstema bil-procedura sommarja.

Rat il-kuntratt datat l-1 ta' Awwissu, 1994 fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon esebit mal-istess rikors guramentat illi minnu jirrizulta illi l-proprjeta' in kwistjoni u cioe' l-fond ossia garage bin-numru 87, Triq San Martin, Zebbug huwa proprjeta' tar-rikorrenti kif dikjarat.

Rat illi l-intimati gew dikjarati kontumaci u ghalhekk ma ressqu l-ebda provi li huma qed jokkupaw il-garaxx b'titolu validu fil-Ligi.

Fic-cirkostanzi kollha suesposti l-Qorti tqis li t-talba tar-rikorrenti sabiex l-intimati jigu zgumbrati mill-istess fond giet sufficjentement pruvata, hija gjustifikata u ghalhekk ser tghaddi sabiex tilqa' l-istes.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tiddikjara l-ewwel talba attrici bhala sorvolata;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna l-izgumbrament tal-intimati mill-fond ossia garage, 87, Triq San Martin, Zebbug u dan fi zmien xahar mil-lum u fin-nuqqas ir-rikorrenti qed jigu

awtorizzati jaffettwaw l-istess zgumbrament a spejjez tal-intimati mal-iskadenza tat-terminu.

Bl-ispejjez kollha a karigu tal-intimati.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**13 ta' Lulju, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**13 ta' Lulju, 2021**